# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF
## ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 26 ta' Ottubru, 2022.**

**Numru 79**

**Rikors numru 129/12/2 RGM**

**David u Mary konjuġi Theuma, Anthony u Grace konjuġi Theuma u Michael u Josephine konjuġi Theuma**

**v.**

**Giuseppi Spiteri**

**<u>Preliminari:</u>**

1. Fl-1990 l-atturi akkwistaw mingħand il-Knisja biċċa art tal-kejl ta' 4,039mk fil-limiti ta' Ħal Kirkop libera u franka. Huma jsostnu li b'tali akkwist, bis-saħħa tal-Art. 465 tal-Kodiċi Ċivili, ġew li nħallu minn kull forma ta' obbligazzjoni li setgħu assumew bħala nkwilini meta fl-<u>1987</u> Catherine Cassar, oħt il-konvenut, kienet ċeditilhom il-qbiela ta' tali art, u

fejn kien ġie miftiehem li *"l-aħwa Theuma jobbligaw ruħhom illi jirrispettaw il-passaġġi kif eżistenti llum u kif miftiehem bejn Catherine Cassar u ħutha*". Għalhekk permezz tar-rikors ġuramentat tagħhom ippreżentat fis-7 ta' Frar, 2012, talbu lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili sabiex tordna lill-konvenut jieqaf u jiddeżisti milli jkompli jagħmel użu mill-imsemmija art, jew li jivvanta ta' dritt ta' passaġġ minn fuqha.

2. Permezz ta' sentenza mogħtija minnha fl-24 ta' Frar, 2022, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili laqgħet it-talbiet tal-atturi.

3. Barrington Camilleri bħala l-eredi tal-konvenut Giuseppe Spiteri (li assuma l-atti permezz tad-digriet tad-9 ta' Lulju, 2020) ħassu aggravat b' tali sentenza u għalhekk fit-22 ta' Marzu, 2022, interpona appell quddiem din il-Qorti fejn talabha:

> *"Tirrevoka, tħassar u tannulla s-sentenza mogħtija mill-Ewwel Onorabbli Qorti tal-24 ta' Frar 2022 fl-ismijiet premessi u tilqa' l-aggravju tal-esponenti appellant, jew, jekk jirriżulta li hemm xi konflitt bejn dak espost mill-esponenti u l-konklużjoni tal-perit arkitett nominat, jerġgħu jintbagħtu lura l-atti quddiem l-Ewwel Qorti sabiex jiġi nominat il-Perit Arkitett u jistabbilixxi s-sitwazzjoni attwali llum eżistenti fuq is-sit, u dan taħt dawk il-provvedimenti li din il-Qorti jidhrilha xierqa u opportuni. Bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-atturi appellati."*

4. Għal intendiment aħjar ta' dan l-appell din il-Qorti ser tirriproduċi s-sentenza appellata:

> "Il-Qorti
>
> **Rat ir-rikors ġuramentat tal-atturi** ppreżentat fis-7 ta' Frar, 2012 li permezz tiegħu ppremettew u talbu is-segwenti:

Illi l-esponenti huma proprjetarji ta' bicca art maghrufa bhala "Tac-Cirimella" fil-limiti ta' Hal Kirkop tal-kejl superficjali ta' erbat elef, u disgha u tletin metri kwadri (4,039m2).

Illi din l-art kienet tinhadem minn Katherina Cassar, oht il-konvenut, li pero` cediet l-qbiela taghha lill-atturi fl-1987 kif jirrizulta mid-dokument hawn anness.

Illi din il-porzjon art kienet tifforma parti minn ghalqa akbar, li originarjament kienet imqabbla lil missier il-konvenut u sussegwentement diviza bejn l-ahwa.

Illi permezz ta' dik id-divizjoni bejn l-ahwa kerreja kien inholoq dritt personali ta' access minn fuq l-art, illum proprjeta shiha ta' l-atturi.

Illi ai fini ta' l-Artikolu 465 tal-Kodici Civili, kwalunkwe *servitu li c-censwalist, l-uzufruttwarju jew il-kerrej ikunu hallew li tigi ezercitata fuq il-fond, minghajr ebda titolu li kien jezisti minn qabel ma tkun ta' hsara ghall-padrun dirett jew ghas-sid ta' dak il-fond, ikun kemm ikun iz-zmien li fih fis-servitu tkun giet ezercitata.*

Illi wara li gie finalizzat l-akkwist tal-proprjeta` surreferita mill-atturi, l-istess atturi inhallu minn kull forma ta' servitu` li setghu assumew qua kerrejja.

Illi kif jirrizulta mill-kuntratt ta' l-akkwist fl-atti tan-Nutar Dr. Joseph Lia tad-29 ta' Jannar, 1990, din l-art giet akkwistata libera u franka u hielsa minn kull pertinenzi.

Illi, minkejja diversi drabi interpellat, l-konvenut qieghed illegalment jaghmel uzu minn dina l-art sabiex jaccedi ghall-art ohra mikrija lilu mill-Ufficju Kongunt, u dana bla ma ghandu l-ebda titolu validu fil-ligi sabiex huwa jaghmel dan.

Illi dan l-abbuz de parte tal-konvenut qieghed jarreka pregudizzju serju fil-konfront ta' l-atturi stante li ma jistghux jisservew, kif inhu dritt taghhom li jaghmlu u b'mod komplet, minn l-art proprjeta taghhom ghall-iskopijiet li ghalihom huma kienu akkwistawha.

Illi huwa essenzjali ghall-esponenti li l-konvenut jiddezisti minnufih milli jkompli jaghmel uzu minn din l-art proprjeta` taghhom.

Jghid ghalhekk il-konvenut il-ghala dna l-Onorabbli Qorti, prevja d-dikjarazzjoni li l-konvenut m'ghandu l-ebda jedd ta' passagg minn fuq l-art hawn fuq indikata, m'ghandiex:

1. Tordna lill-konvenut sabiex jieqaf u jiddezisti milli jkompli jaghmel uzu mill-art proprjeta` ta' l-atturi, jew li jivvanta kwalsiasi dritt ta' passagg jew drittijiet ohra fuq l-istess proprjeta`.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

Rat ir-**risposta ġuramentata tal-konvenut Giuseppi Spiteri ppreżentata fl-20 ta' Marzu, 2012** fejn jingħad kif ġej:

1. Preliminarjament ir-*res judicata* billi bis-sentenza fl-ismijiet David Theuma et vs Giuseppi Spiteri (1452/2011 JA) deciza fit-30 ta' Settembru 2011 u esebita bhala Dok C mill-atturi stess, il-Qorti ta' l-appell diga' cahdet talba tal-atturi biex jigi terminat l-istess dritt ta' passagg tal-esponent u biex l-esponent jitlaq il-pussess tal-istess passagg fuq l-istess proprjeta`.

2. Illi bla pregudizzju ghas-sueccepit, l-art imqabbla lill-esponent tgawdi jedd ta' servitu` minn fuq l-art proprjeta` tal-atturi kif rikonoxxut minnhom stess fl-atti tal-kawza msemmija David Theuma et vs Giuseppi Spiteri (1452/2011 JA) – App. Civ. 30.09.2011.

3. Illi inoltre u minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, fuq l-iskrittura li biha Katerina Cassar cediet il-qbiela fuq l-art in kwistjoni favur l-atturi intrabtu u obbligaw ruhhom ukoll li jirrispettaw il-passaggi stabbiliti bejn l-istess Katerina Cassar u hutha, fosthom l-eccepjent. L-atturi ma jistghux jirrevokaw din l-obbligazzjoni taghhom unilateralment minghajr il-kunsens tal-beneficjarji.

4. Illi f'kull kaz u minghajr pregudizzju t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fil-ligi u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra taghhom.

5. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-atti tal-kawża;

Rat illi b'digriet tal-31 ta' Jannar 2013 il-Qorti ordnat li l-atti 1452/2001 fl-ismijiet David Theuma et vs. Giuseppi Spiteri għandhom jiġu annessi mal-każ odjern;

Rat ix-xhieda ta' Giuseppi Spiteri kif ukoll id-dikjarazzjoni magħmula mill-partijiet li huma ser jistrieħu fuq ix-xhieda mressqa fil-kawża allegata mal-kawża odjerna;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-atturi ppreżentata fl-4 ta' Marzu 2014[1] kif ukoll in-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenut ippreżentata fit-22 t'April 2014[2] ;

Rat it-traskrizzjoni tat-trattazzjoni li saret quddiem il-Qorti kif diversament preseduta;

[1] Paġna 58 et seq tal-proċess.
[2] Paġna 61 et seq tal-proċess.

Rat is-sentenza mogħtija fit-2 ta' Marzu 2015 tal-Qorti kif diversament preseduta fejn bis-saħħa tagħha intlaqgħet l-ewwel eċċezzjoni preliminari ta' res judicata mressqa mill-konvenut Spiteri;

Rat li fl-10 ta' Marzu 2015 l-atturi ntavolaw appell;

Rat illi b'digriet tad-9 ta' Lulju 2020, Barrington Camilleri assumit (recte: assuma) l-atti minflok Giuseppi Spiteri li miet fil-mori tal-proċeduri;[3]

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) mogħtija fit-23 ta' Novembru 2020 fejn laqgħet l-appell, ħassret is-sentenza tat-2 ta' Marzu 2015 u ordnat li l-atti jintbagħtu lura lill-ewwel Qorti sabiex il-kawża tiġi trattata u deċiża skont il-liġi;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-atturi dwar il-mertu ppreżentata fit-2 ta' Lulju 2021[4] kif ukoll in-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenuta Barrington Camilleri bħala l-eredi tal-konvenut Giuseppe Spiteri ippreżentata fl-14 ta' Settembru 2021[5] ;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet[6] ;

Rat illi l-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza.

Ikkunsidrat;

L-atturi huma proprjetarji ta' biċċa art magħrufa bħala "Taċ-Ċirimella" Triq Valletta, Ħal Kirkop ta' kejl madwar 4,039 mk liema art tifforma parti minn għalqa ikbar li kienet oriġinarjament imqabbla lill-missier il-konvenut u li wara mewtu ġiet diviża bejn il-konvenut u ħutu. L-atturi akkwistaw l-imsemmija art b'kuntratt li sar fl-atti tan-Nutar Joseph Lia fid-29 ta' Jannar 1990 bejn l-atturi u l-Amministraturi tal-Beni Ekklesjastiċi f'Malta. Ir-raba xtrawha libera u franka. Tlett snin qabel, u cio'e fis-sena 1987, Catherine Cassar, oħt il-konvenut, ċediet il-qbiela tagħha lill-atturi. Din iċ-ċessjoni saret bis-saħħa ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Joseph R. Darmanin u li fiha kien hemm referenza dwar id-dritt t'aċċess li Theuma kellhom jibqgħu jagħtu lil ħuha Giuseppi Spiteri.

Bil-kuntratt tad-diviżjoni li sar fl-1999 fl-atti tan-Nutar Mario Bugeja, l-aħwa kienu ħolqu dritt peronsali tal-aċċess. Jidher mill-atti li l-konvenut kien qiegħed jagħmel użu mill-art tal-atturi sabiex jaċċeddi għar-raba tiegħu mikrija lilu mill-Uffiċċju Konġunt. L-atturi jinsistu li dan l-aċċess kien qiegħed isir mingħajr titolu validu fil-liġi u għalhekk bis-saħħa tal-Artikolu 465 tal-Kodiċi Ċivili, il-konvenut għandu jieqaf milli jkompli jaċċedi għar-raba tiegħu minn fuq ir-raba tal-atturi meta skont

[3] Paġna 136 tal-proċess tal-appell.
[4] Paġna 9 et seq tal-proċess129/2012/1.
[5] Paġna 13 et seq tal-proċess 129/2012/1.
[6] Paġna 20 et seq tal-proċess 129/2012/1.

l-atturi, il-konvenut kellu aċċess ieħor minn Triq l-Imdina. Il-konvenut min-naħa tiegħu jinnega li huwa għandu aċċess minn triq oħra.

**Provi**

Il-konvenut **Giuseppi Spiteri** xhed li missieru kellu madwar tnejn u għoxrin tomna mqabbla lilu mill-Gvern li wara mewtu kienu ddevolvew fuq oħtu xebba Golina Spiteri. Eventwalment ir-raba nqasam bejn l-aħwa u l-konvenut messu tomnejn u nofs li skontu jaċċedi għalihom minn Valletta Road. Jgħid li dan il-passaġġ kien sar fi żmien missieru li kellu barriera hemmekk u ilu jintuża 'il fuq minn mitt sena u anke hu dejjem minn hemm kien jidħol u joħroġ minn meta kien tifel.

Jispjega li huwa messu l-biċċa 'l aktar il-ġewwa ġo l-għalqa u biex jasal għaliha kien jgħaddi minn fuq Catherine Cassar, imbagħad jgħaddi minn fuq Leonard Spiteri u imbagħad kien jasal fir-raba li jaħdem hu. Ix-xhud spjega li oħtu Catherine Cassar kienet għaddiet żewġ għelieqi li messu lilha lill-aħwa Theuma atturi u oħra lilu. Wara li l-għalqa għaddiet għand l-aħwa Theuma huwa baqa' jgħaddi mill-istess passaġġ. Jgħid li iżda darba fost l-oħrajn Anthony Theuma għamel il-pilastri u tefgħa l-ġebel fil-passaġġ u ġara li Spiteri ma setax joħroġ mill-għalqa tiegħu qabel ineħħihom. Jgħid ukoll li huwa mar l-għalqa darba filgħaxija u sab li max-xatba kien hemm katnazz u ma setax jidħol.

In segwitu għal dan huwa ntavola proċeduri ta' spoll u nqatgħet favorih u għalhekk beda jerġa jgħaddi mill-mogħdija.

Jgħid li sussegwentement Theuma kienu ħartu l-mogħdija li kien jgħaddi minn fuqha hu u fetħu kawża kontra tiegħu fejn talbu li jiġi ordnat ma jibqax jgħaddi minn hemm.

Il-Qorti ċaħdet it-talbiet tal-aħwa Theuma u għalhekk huwa baqa' jgħaddi mill-istess passaġġ. Ix-xhud jgħid li huwa m'għandux passaġġ ieħor minn fejn jgħaddi. Il-post l-ieħor li jriduh jgħaddi minnu irid jgħaddi minn fuq raba ta' ħaddieħor.

In kontro-eżami jikkonferma li l-art li huwa jaħdem iħallas il-qbiela l-Joint Office u jispjega li ma kinux huma li ħolqu l-passaġġ iżda kien missierhu. Meta ġie mistoqsi għalfejn kellhom jagħmlu skrittura bejnithom l-aħwa meta qasmuh li permezz tiegħu ħolqu l-passaġġi fuq xulxin, ix-xhud qal li huma għamlu l-kitba li wieħed jgħaddi minn fuq l-ieħor.

Is-segwenti sommarju tax-xhieda hija meħuda mill-proċess 1452/2001 allegat mal-proċeduri odjerni:

**David Theuma** spjega li l-aċċess għar-raba tagħhom huwa minn fuq triq Valletta. Jgħid li l-konvenut għandu raba li tmiss mar-raba tiegħu u ta' ħutu u jispjega li waħda mill-għelieqi (liema porzjonijiet ta' raba

tal-konvenut ilkoll imissu ma' xulxin) għandha aċċess minn fuq art oħra tal-atturi, liema art għandhom aċċess għaliha l-aħwa Theuma kif ukoll il-konvenut Spiteri minn triq sekondarja. In kontro-eżami, David Theuma jikkonferma li huma ma jridux lil Spiteri jibqa' jgħaddi minn fuq ir-raba tagħhom u dan għaliex Spiteri għandu alternattiva oħra minn fejn jgħaddi u ċioe dik minn Triq l-Imdina minn passaġġ li diġa jeżisti u wiesgħa xi għaxar piedi li jwassal sal-għalqa tal-konvenut. Spjega li l-passaġġ ta' Triq l-Imdina ma jgħaddix minn fuq il-proprjetà tagħhom.

Xehed **Anthony Theuma** fejn spjega li huma għandhom żewġ porzjonijiet ta' raba viċin xulxin. Huwa spjega li l-konvenut Spiteri għandu għalqa li tmiss mal-art tagħhom. Ix-xhud spjega li Spiteri kien jidħol ġol-għalqa tiegħu minn ġo trejqa minn Triq Imdina iżda meta saret il-barriera, il-konvenut beda jidħol fl-art tiegħu minn għalqa oħra li tmis ma' Triq Imdina.

Xehed il-**konvenut Giuseppi Spiteri** fejn spjega li l-għalqa li huwa jaħdem u li għalija hemm aċċess minn Valletta Road mhux proprjetà tiegħu iżda tal-Joint Office. Il-konvenut xehed ukoll permezz t'affidavit fejn fih huwa spjega li missieru kellu art magħrufa taċ-Ċirimella mqabbla lilu u wara l-mewt tiegħu, hu flimkien ma' ħutu għamlu d-diviżjoni. Spjega li huwa għandu porzjon raba li għaliha kien dejjem jgħaddi minn passaġġ li hemm f'Valletta Road u kien jgħaddi minn fuq l-art li kienet messet lil ħuħ Nardu Spiteri.

Jgħid li missieru fi żmien dejjem kien jgħaddi minn Triq Valletta. Jinsisti li mhux minnu li għandu aċċess minn Triq l-Imdina; jgħid li ma kienx hemm u lanqas hemm passaġġ minn dik it-triq għar-raba tiegħu. Spiteri spjega li ħuħ Michael Spiteri hu sid privat ta' għalqa li tmiss mar-raba mqabbla lilu. Jgħid li kien Michael li għamel passaġġ minn Triq l-Imdina u dana biex ikun jista' jgħaddi għal fuq l-għalqa tiegħu. Jgħid li bejn l-għalqa ta' ħuħ Michael u hu m'hemmx ftuħ. Jispjega li kien biss meta l-atturi għalqulu l-aċċess li ħuħ għamillu pjaċir u ħallieh jgħaddi minn fuq l-għalqa tiegħu tant li bilfors kellu jaqbeż il-ħajt. Spjega li mill-mogħdija ta' Valletta Road huwa kien jgħaddi kemm bir-riġel kif ukoll bit-trakk u qatt ma kellu problemi ma' ħutu.

Xehed **Joseph Sciriha**, direttur tal-Uffiċċju Konġunt fejn spjega li bis-saħħa tal-Att Nru IV tal-1992, li l-Uffiċċju Konġunt beda jamministra art mogħtija lill-Gvern li tinsab immarkata bil-kulur blu minnu ppreżentata li tinsab fi Triq Valletta u li tinħadem mill-aħwa Spiteri. Jgħid li huwa m'għandux informazzjoni minn fejn huwa l-aċċess għal din l-art. Ix-xhud spjega li huwa kien staqsa lill-Kurja dwar jekk kellhomx indikazzjoni dwar l-aċċess u qalulu li m'għandhomx informazzjoni dwar hekk.

Xehed **Karl Borg**, tekniku tat-taqsima Proprjeta tal-Gvern u spjega li huwa ma jafx minn fejn hu l-aċċessi għall-għelieqi mertu tal-kawża.

Xehed ukoll **Victor Vella**, uffiċċjal fl-Uffiċċju tar-Reġistrazzjoni tal-Bdiewa fl-Għammieri fejn spjega li m'huwiex il-kompitu tar-Reġistrazzjoni tal-bdiewa li jżommu rekord ta' l-aċċessi tar-raba.

**Catherine Cassar** xehdet permezz t'affidavit fejn spjegat li hi flimkien ma ħutha kienu qasmu r-raba li missierha kellu mqabbel mill-Kurja. Spjegat li hi u ħutha kienu qablu li Giuseppi Spiteri jibqa' bid-dritt li jgħaddi mill-passaġġ li jibda minn Triq Valletta. Qalet li wara li hija ċediet sehma lil Theuma hija kienet ċedietu bil-kundizzjoni li l-passaġġ jibqa' hemm u li ħutha għandhom jibqgħu jgħaddu u jużaw dak il-passaġġ. Tgħid li kienu għamlu skrittura f'dan is-sens fit-23 ta' Lulju 1987 quddiem in-Nutar Joseph R. Darmanin fejn "l-*ahwa Thuma jobbligaw ruhhom illi jirrispettaw il-passaggi kif esistenti llum u kif miftiehem bejn Catherine Cassar u ħutha."*[7]

Ikkunsidrat;

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti.**

L-azzjoni attriċi hi msejsa fuq l-**Artikolu 465 tal-Kodiċi Ċivili** li jipprovi s-segwenti:

> *"Ebda servitù li ċ-ċenswalist, l-użufruttwarju, jew il-kerrej ikunu ħallew li tiġi eżerċitata fuq il-fond, mingħajr ebda titolu li kien jeżisti minn qabel, ma tkun ta' ħsara għall-padrun dirett jew għas-sid ta' dak il-fond, ikun kemm ikun iż-żmien li fih is-servitù tkun ġiet eżerċitata."*

*…omissis….*

Minn eżami tal-kuntratt tal-atturi li biha akkwistaw l-art mertu tal-kawża, l-art kienet deskritta bħala "libera u franka"[8] .

Is-servitu ta' passagg huwa klassifikat fil-Kodici Civili[9] u fid-dottrina bhala wieħed apparenti u diskontinwu; apparenti għax jidher illi terzi jkunu qed jgħaddu minn fuq art ta' ħaddiehor, u diskontinwu għax dan id-dritt ma jiġix eżerċitat il-ħin kollu.

*…omissis…*

Konsidrat li servitu ta' passaġġ m'huwiex kontinwu u li jista' jiġi biss stabbilit bis-saħħa ta' titolu u ċioe b'att pubbliku; konsidrat illi servitu ta' passaġġ ma jistax jiġi stabbilit bi preskrizzjoni – għajr għal raġunijiet li ser jiġu spjegati aktar 'l isfel – jew b'destinazzjoni tas-sid taż-żewġ fondi; konsidrat illi dritt ta' passaġġ ma jistax jiġi preżunt iżda dejjem għandu jiġi ppruvat minn dak li jivvanta dak id-dritt; jeħtieġ issa li l-Qorti tgħaddi sabiex tiddelibera jekk il-konvenut irnexxilux jipprova sodisfaċentement li l-għalqa tiegħu tgawdi minn dritt ta' passaġġ fuq

[7] Meħduha mill-kuntratt f'paġna 91 (al-proċess allegat) anness mal-affidavit tax-xhud.
[8] Paġna 7 tal-proċess.
[9] Artikolu 455(1) u (3) tal-Kapitolu 16.

l-għalqa tal-atturi.

Kif rajna, sabiex jiġi stabbilit dritt ta' passaġġ, trid isir prova mill-konvenut illi d-dritt ta' passaġġ jirriżulta minn att pubbliku. Il-konvenut baqa' qatt ma pproduċa att pubbliku li juri li huwa għandu dritt ta' passaġġ minn fuq l-għalqa tal-atturi. Anzi bħal ma diġa ġie ritenut aktar 'l fuq, il-kuntratt li bih l-atturi akkwistaw l-art jimmilita kontra t-tezi li l-konvenut seta akkwista dan is-servitu bis-saħħa ta' xi titolu mogħti mis-sid. Dan għaliex fid-deskrizzjoni mogħtija fuq il-kuntratt jinghad speċifikament illi r-raba kienet libera u franka.

It-teżi tal-konvenut hi li l-familjari tiegħu u hu dejjem użaw l-għalqa illum proprjeta tal-atturi sabiex jidħlu għall-għalqa tagħhom. Il-konvenut straħ fuq ix-xhieda li huwa kien ressaq fil-kawża 1452/2001 annessa mal-proċess odjern li sunt ta' dawk ix-xhieda tinsab aktar 'l fuq.

Mill-kumpless tal-provi jirriżulta illi huwa minnu li tali użu kien isir stante li l-art li llum hija tal-atturi kienet għal xi żmien imqabbla lil missier il-konvenut li eventwalment għaddiet għandu u għand ħutu. Kien minħabba f'hekk li l-konvenut kien jaċċedi għal għalqa tiegħu minn fuq il-passaġġ li llum jinsab parti mill-proprjeta tal-atturi. Il-mogħdija kien jgħaddi minnha għaliex ħutu tawh permess fil-kuntratt ta' diviżjoni stante li l-għalqa tiegħu hija 'l aktar waħda 'l ġewwa u li tmis ma' raba oħra tiegħu u sabiex jaċċeddi din l-aħħar raba li kienet diġa tinħadem minnhu qabel id-diviżjoni ħutu kienu ppermettewlu jagħmel użu mill-mogħdija li kienet tagħti għal Triq Valletta.

Isegwi għalhekk illi l-permess mogħti lill-konvenut biex jgħaddi minn fuq raba' ta' ħaddiehor ma kienx ġej minn sid dik ir-raba iżda minn inkwilini oħra.

L-atturi jinsistu li fil-verita' l-konvenut m'għandux għalfejn jagħmel użu minn din il-mogħdija in vista li r-raba tal-konvenut m'hijiex interkjuża. Min-naħa tiegħu l-konvenut innega li huwa għandu aċċess minn x'imkien ieħor u baqa' jinsisti li l-familjari tieghu kienu ilhom diċenji sħaħ jgħaddu minn fuq l-għalqa tal-atturi.

Il-fatt jekk l-għalqa hijiex interkjuża o meno għandha tingħata konsiderazzjoni u ma tistax tiġi injorata u dan għaliex mill-qari tat-tieni subartikolu tal-Artikolu 469 tal-Kapitolu 16[10] jirriżulta li wieħed ikun jista' jikseb dritt ta' passaġġ bi preskrizzjoni meta dak il-fond ma jkollux ħruġ ieħor fuq triq pubblika.

*…omissis…*

[10] **Artikolu 469 (2):** *B'danakollu, is-servitù ta' mogħdija għall-użu ta' fond tista' tinkiseb bil-preskrizzjoni ta' tletin sena, jekk dan il-fond ma jkollux ħruġ iehor fuq it-triq pubblika; u kull servitù oħra li, fil-11 ta' Frar, 1870, kienet ġa miksuba taħt liġijiet ta' qabel, ma tistax tiġi attakkata.*

Minn eżami tal-provi prodotti inkluż l-atti allegati il-Qorti qed tikkonkludi li fil-fatt il-konvenut għandu dħul separat minn Triq l-Imdina għar-raba kollu tiegħu.

Dan qiegħed jingħad fl-ewwel lok għaliex fil-kuntratt ta' diviżjoni tal-14 ta' Diċembru 1999 l-art ġiet deskritta bħala "għalqa f'Ħal Kirkop aċċessibbli minn Triq l-Imdina, tal-kejl globali ta' ċirka erbat elef seba' mija u sebgħin punt erbgħa disgħa metri kwadri (4770.49m.k) [...]"[11].

Fit-tieni lok il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili li kienet qiegħda tisma l-proċeduri 1452/2001 ħatret lil Perit Tekniku Godwin Abela. Wara għamel aċċess fuq il-fond mertu tal-kawża u sema' x-xhieda wasal sabiex jagħmel is-segwenti konklużjonijiet:

> 1) "Illi permezz ta' kuntratt datat 29 ta' Jannar 1990, l-atturi xtraw bicc'art minghand l-Awtorita Ekklesjastika, il-pjanta ta' din l-art annessa ma' dan il-kuntratt ma kinitx esebita fl-atti izda mill-provi jirrizulta li l-art proprjeta tal-atturi hi dik murija bl-isfar skur [oranġjo] fuq il-pjanta annessa mmarkata Dok X;
>
> 2) Illi permezz ta' kuntratt ta' divizjoni datat 14 ta' Dicembru 1999, lill-konvenut giet assenjata porzjon art immarkat bl-ittra F u murija bl-ahdar fuq il-pjanta annessa maghmula mill-esponent u mmarkata Dok X, liem'art kellha dritt ta' access minn passagg proprjeta komuni tal-kondividenti muri bl-arancjo fuq il-pjanta msemmija;
>
> 3) [...]
>
> 4) Illi l-konvenut gie moghti dritt iehor ta' servitu biex juza dan il-passagg biex jidhol l-ghalqa murija bil-hatching ahdar fil-pjanta annessa mmarkata Dok X;
>
> 5) Illi l-atturi kienu xtraw minghand uhud hut il-konvenut il-porzjonijiet lilhom assenjati fid-divizjoni gja msammija w mmarkata bl-ittra A2, B u C murija bl-isfar skur fuq il-pjanta annessa mmarkata Dok X;
>
> 6) Il-konvenut u hutu kellhom bicc'art mqabbla lilhom inghand il-Gvern ta' Malta tramite l-Ufficcju Kongunt, lem'art murija bil-konfini blu fuq il-pjanta annessa, parti minn din l-art, murija bil-hatching ahdar, ghadha tinhadem mill-konvenut;
>
> 7) Illi l-access ghal din l-art kienet moghdija, murija bl-ahmar fuq l-istess pjanta, li tibda mit-triq prinċipali Valletta Road u tghaddi minn fuq l-istess art biex taghti access lid-diversi porzjonijiet ta' din l-art kif maqsumin bejn il-konvenut u hutu;
>
> 8) Illi parti sostanzjali minn din l-art tqattghet bhala barriera kif jidher mill-orthoplan mmarkata Dok Y, hlieg ghall-parti murija bil-hatching pahdar fuq il-pjanta Dok X, liema parti baqghet imqabbla lill-konvenut u tinhadem minnu w li tmiss ukoll mal-porzjon art assenjat lill-istess konvenut fid-divizjoni gja msemmija;

[11] Paġna 14 tal-proċess allegat.

> 9) Illi l-mghodija m'ghadix tezisti peress illi parti kbira minn din giet ukoll mqatta' u dan jidher fuq l-orthoplan annessa mmarkata Dok Y fejn hu ndikat bil-linja sewda interrota minn fejn kienet tghaddi din il-moghdija. [...]
>
> 1. Illi fl-opinjoni tieghu [b'referenza għall-esponent], il-konvenut jista' jaccedi ghal gol-art mqabbla lilu mill-Gvern ta' Malta tramite l-Ufficju Kongunt minn gol-passagg komuni proprjeta tal-istess konvenut u hutu w l-atturi stess, liema passagg hu bizzejjed wiesa biex isir access bir-rigel u b'vetturi ohra w liema passagg jaghti direttament minn Triq l-Imdina li twassal ghal Valletta Road.
>
> 2. [...]"[12]

Sabiex wieħed jifhem aħjar dak li qal il-Perit, il-Qorti qiegħda tinkludi hawnhekk il-pjanti mmarkati bħala Dok X u Dok Y mill-istess Perit:

*…omissis…*

Hekk tqis li r-raba tal-konvenut m'hijiex interkjuża, il-konvenut ma kiseb l-ebda dritt ta' passaġġ minn fuq il-proprjeta tal-atturi.

Il-konvenut jinsisti li meta oħtu, Catherine Cassar, ikkonċediet il-qbiela lill-atturi fis-sena 1987, qabel dawn tal-aħħar xtrawha, l-aħwa Theuma kienu obbligaw ruħhom li jirrispettaw il-passaġġi kif eżistenti u kif kien miftiehem bejnha u bejn ħutha u għalhekk jgħid li Theuma ntrabtu b'dak l-obbligu.

Il-Qorti ma tqisx tali pretensjoni bħala fondata. Fis-sena 1987 Catherine Cassar kienet inkwilina fuq ir-raba li eventwalment xtraw l-atturi u għalhekk tali ftehim li Cassar kellha ma ħutha, dak iż-żmien inkwilini wkoll, ma kienx jorbot lis-sid u dan peress li min ma hux sid ma jistax joħloq servitu għax servitu huwa *pars dominii.*

L-inkwilin m'għandu l-ebda *ius in re* fuq il-fond minnu okkupat u hawn għalhekk fejn japplika l-Artikolu 465 tal-Kodiċi Ċivili.

Meqjus il-fatt li l-konvenut għandu aċċess għar-raba tiegħu minn triq pubblika u meqjus ukoll li l-konvenut ma ġab l-ebda prova sodisfaċenti li huwa igawdi dritt ta' passaġġ minn fuq l-art proprjeta' tal-atturi, il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tilqa' t-talba tal-atturi.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi,

1. Tiċħad l-eċċezzjonijiet rimanenti tal-konvenut, u ċioe' l-eċċezzjonijiet numri 2, 3 u 4.

---

[12] Paġna126 et seq tal-proċess allegat.

> 2. Tilqa' t-talba tal-atturi u tordna lill-konvenut sabiex jieqaf u jiddeżisti milli jkompli jagħmel użu mill-art proprjeta tal-atturi magħrufa bħala "Taċ-Ċirimella", limiti ta' Ħal-Kirkop, tal-kejl ta' erbat elef u disgħa u tletin metru kwadru (4,039mk) jew li jivanta kwalsiasi dritt ta' passaġġ fuq l-istess proprejtà. Spejjeż a karigu tal-konvenut."

**<u>Rikors tal-appell ta' Barrington Camilleri bħala l-eredi tal-konvenut (22.03.2022):</u>**

5. L-aggravju tal-appellant jirrigwarda l-fatt li l-ewwel Qorti kkonkludiet li huwa għandu aċċess minn fuq Triq l-Imdina, u jilmenta li kien fuq dak ir-raġunar li l-ewwel Qorti laqgħet it-talbiet tal-atturi sabiex huwa jiddeżisti milli jkompli jagħmel użu mill-art proprjeta` tal-atturi. Jargumenta li minn ħarsa lejn ir-rapport tal-perit tekniku u l-kummenti addizzjonali tiegħu jirriżulta biċ-ċar li mogħdija minnhom (li kien qed jirreferi għal mogħdija li tagħti minn Triq l-Imdina li twassal għal Valletta Road) m'għadhiex teżisti peress li parti kbira minnha ġiet ukoll imqatta'. Jaċċenna għall-fatt li r-rapport sar fl-2003 peress li l-perit kien irrelata fuq din il-kwistjoni fl-ewwel kawża bin-numru 1452/2001. Jilmenta bil-fatt li l-ewwel Qorti, minkejja li ħadet konjizzjoni tal-fatt li mogħdija minnhom hija prattikament ineżistenti, xorta argumentat li l-konvenut m'għandux dritt li jaċċedi għall-għalqa tiegħu minn ġol-art tal-atturi għar-raġuni li għalkemm l-aċċess mit-triq pubblika (Triq l-Imdina) mhux komdu, xorta ma jistax jitqies li l-fond huwa interkjuż.

6. Huwa *invece* jenfasizza li m'għandu l-ebda aċċess ieħor biex

jaċċedi fuq l-għalqa tiegħu li jikri mill-Uffiċċju Konġunt, ħlief mill-għalqa tal-atturi, peress li l-unika triq li preżentement jista' jgħaddi minnha għall-għalqa posseduta minnu hija minn Triq Valletta. Jilmenta li l-ewwel Qorti njorat ix-xiehda prodotta minnu li l-passaġġ aċċessibbli minn Valletta Road huwa l-uniku passaġġ li minnu jista' jaċċedi għall-għalqa tiegħu u kif ukoll injorat l-analiżi tal-Perit Godwin Abela fejn ivverifika li mogħdija minnhom hija ineżistenti *stante* li parti kbira minnha tqattgħet. Apparti minn dan kollu jenfasizza li llum il-ġurnata din il-mogħdija wieħed jista' jgħid li hija ineżistenti u hija mpossibbli għalih biex jaċċedi għar-raba' tiegħu minn Triq l-Imdina minħabba li l-barriera li diġa` kienet ineżistenti fit-2003 (kif ikkonferma l-perit) illum ġiet ikkonvertita f'għalqa fejn ma jeżisti l-ebda aċċess minn Triq l-Imdina u dan kif muri fis-*site plan* esebita minnu flimkien mar-rikors tal-appell tiegħu (**<u>Dok BC1</u>**).

7. Isostni għalhekk li l-ewwel Qorti ma vverifikatx sew jekk huwa realistikament għandux aċċess minn Triq l-Imdina meta huwa ċar li l-Artikolu 469(2) tal-Kap 12 jispeċifika li fil-każ ta' raba' interkjuż, dejjem hemm id-dritt ta' aċċess bil-kundizzjoni li ssir l-inqas ħsara possibbli, li r-raba' tal-appellati tiġi soġġetta għal dritt ta' passaġġ.

**<u>Risposta tal-appell tal-atturi appellati (07.04.2022):</u>**

8. Fl-ewwel lok l-atturi appellati oġġezzjonaw għall-fatt li l-appellant

ippreżenta **Dok BC1** fl-istadju tal-appell u jissottomettu li din il-Qorti għandha qabel xejn tordna l-isfilz tiegħu.

9. Fit-tieni lok u fir-rigward tal-fatt li l-aggravju tal-appellant huwa stradat fl-ambitu tal-Artikolu 469(2) tal-Kap 16, jaċċennaw għall-fatt li mhux disputat li Giuseppi Spiteri kien jagħmel użu minn fuq l-art tagħhom iżda dan kien wieħed ikkreat mill-affittwarji tad-diversi appezzamenti tar-raba' u mhux dritt reali inerenti għall-fond tagħhom. Jgħidu li diffiċilment, għalhekk, in kwantu affittwarju, jista' l-appellant jikkampa t-teżi tiegħu fuq l-Art 469(2).

10. Qabel ma l-Qorti tikkonsidra l-aggravji tirrileva li l-okkju kemm tal-ewwel Qorti kif ukoll fir-rikors tal-appell ma jirriflettix il-korrezzjoni li saret b'digriet tad-9 ta' Lulju, 2020, wara l-mewt tal-konvenut Giuseppi Spiteri. Il-Qorti għalhekk tordna li l-okkju tas-sentenza tal-ewwel Qorti kif ukoll tal-okkju tar-rikors tal-appell jirrifletti d-digriet fuq imsemmi.

**<u>KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI:</u>**

**<u>Dok BC1 esebit mar-rikors tal-appell:</u>**

11. Mar-rikors tal-appell tiegħu il-konvenut appellant ippreżenta **Dok BC1**, *site plan* redatt mill-perit Josef Zahra u datat 12 ta' April, 2021**.**

Huwa ppreżenta dan id-dokument bil-għan li juri li s-sitwazzjoni llum il-ġurnata tbiddlet miż-żmien li għamel ir-rapport il-perit tekniku Godwin Abela fl-2003. Madanakollu l-konvenut kellu żmien biżżejjed fil-mori tal-proċeduri quddiem l-ewwel Qorti biex jippreżenta pjanti f'dan ir-rigward, jew li jerġa' jitlob li jiġi aġġornat ir-rapport tal-perit tekniku.

12. Għaldaqstant din il-Qorti jidhrilha li għandhom raġun l-atturi appellati jissottomettu li din il-Qorti għandha tordna l-isfilz ta' dan id-dokument. Kif jargumentaw l-istess atturi appellati, huwa *ormai* paċifiku illi l-interpretazzjoni akkordata lill-Art. 145 tal-Kap.12 hija waħda ristretta, fis-sens li d-dokumenti prodotti fl-istadju tal-appell għandhom jingħataw piż biss jekk tali dokumenti ma kinux disponibbli fl-ewwel istanza. Fis-sentenza mogħtija fit-28 ta' April, 2014, minn din il-Qorti tal-Appell fil-kawża fl-ismijiet "**Olive Gardens Investments Ltd vs Salvu Farrugia et",** fil-fatt ġie insenjat is-segwenti:

> *"8. Dwar il-pozizzjoni legali relattiva ghat-talba ghall-isfilz ta' provi dokumentali godda annessi mar-rikors tal-appell din il-Qorti tosserva li, filwaqt li huwa minnu li kif relevat mis-socjeta` attrici tezisti gurisprudenza precedenti fis-sens li bis-sahha ta' dak li jghid l-Artikolu 145 tal-Kap. 12, l-appellanti ghandu l-fakolta` li jipprezenta dokumenti mar-rikors tal-appell tieghu, izda din il-Qorti f'sentenzi aktar ricenzjuri rriteniet li l-interpretazzjoni korretta tal-istess artikolu, konformi mal-funzjoni ta' din il-Qorti bhala Qorti ta' revizjoni, hi li filwaqt li dak l-artikolu jippermetti li jigu materjalment prodotti dokumenti mar-rikors tal-appell, b'danakollu l-piz li jkun jista' jinghata lil tali dokumenti minn din il-Qorti jkun jiddependi fuq jekk l-istess dokumenti kienux disponibbli u allura producibbli fl-ewwel istanza.*
>
> *9. Fir-rigward din il-Qorti diga` kellha okkazzjoni tirribadixxi fil-kawza* ***Emanuel Zammit v. Charles Polidano****, deciza fil-31 ta' Jannar 2014, li "filwaqt li huwa minnu li parti appellanti tista' tressaq dokumenti mal-appell taghha, dawn id-dokumenti m'ghandhomx ikunu provi godda li setghu facilment gew prodotti fl-ewwel istanza, ghax kif qalet din il-*

*Qorti fil-kawza* ***Schembri v. Schembri*** *deciza 22 ta' Frar 2013: 'il-funzjoni ta' din il-Qorti hija wahda ta' revizjoni, intiza sabiex tirrevedi dak li jkun sar quddiem l-ewwel Qorti, u mhux li tisma' provi godda li setghu gew prodotti quddiem l-ewwel Qorti'. Il-provi kollha jridu jingiebu quddiem l-ewwel Qorti, u jekk parti tonqos li taghmel dan, ma tistax, wara s-sentenza, tipprova tressaq provi godda biex twaqqa' l-argumenti li l-ewwel Qorti, fuq il-provi prodotti, uzat biex waslet ghall-konkluzjoni taghha".*

…

*13. Ghaldaqstant, in mankanza ta' raguni valida ghaliex id-dokumenti fuq elenkati ma gewx prezentati fil-mori tal-proceduri quddiem l-ewwel Qorti, din il-Qorti ma tqisx li l-produzzjoni taghhom f'dan l-istadju hija gustifikata fil-ligi."*

13. Fid-dawl tas-suespost għalhekk, din il-Qorti mhix sejra tieħu konjizzjoni tad-Dok BC1 u qed tordna l-isfilz tiegħu mill-atti.

**Is-sentenza tal-ewwel Qorti:**

14. L-ewwel Qorti laqgħet it-talbiet tal-atturi wara li għamlet żewġ kunsiderazzjonijiet prinċipali:

(a) L-applikabilita` tal-Artikolu 465 tal-Kap 16**,** li jipprovdi li:

*"Ebda` servitu` li ċ-ċenswalist, l-użufruttwarju, jew il-kerrej ikunu ħallew li tiġi eżerċitata fuq il-fond, mingħajr ebda titolu li kien jeżisti minn qabel, ma tkun ta' ħsara għall-padrun dirett jew għas-sid ta' dak il-fond, ikun kemm ikun iż-żmien li fih is-servitu` tkun ġiet eżerċitata".*

Abbażi tal-Artikolu 465 l-ewwel Qorti bażikament ikkonkludiet li meta l-atturi akkwistaw l-art in kwistjoni mingħand il-Knisja fl-1990 u saru sidien tagħha, il-ftehim tal-1987 li bih oħt il-konvenut kienet ċeditilhom il-qbiela bil-kundizzjoni li huma *qua* nkwilini jibqgħu jirrispettaw il-passaġġi kif

eżistenti bejnha u bejn ħutha, ma kienx għadu jorbothom.

(b) L-inapplikabilita` tal-Artikolu 469(2) tal-Kap 16, li jipprovdi li:

> *"B'danakollu, is-servitù ta' mogħdija għall-użu ta' fond tista' tinkiseb bil-preskrizzjoni ta' tletin sena, jekk dan il-fond ma jkollux ħruġ iehor fuq it-triq pubblika; u kull servitù oħra li, fil-11 ta' Frar, 1870, kienet ġa miksuba taħt liġijiet ta' qabel, ma tistax tiġi attakkata."*

Abbażi ta' dan l-Artikolu 469(2), u wara li qieset li r-raba' tal-konvenut mhix interkjuża, l-ewwel Qorti kkonkludiet li "*l-konvenut* (jew aħjar ir-raba' tiegħu) *ma kiseb l-ebda dritt ta' passaġġ minn fuq il-proprjeta` tal-atturi".*

**L-aggravju tal-konvenut:**

15. Fl-appell tiegħu il-konvenut mhux qed jilmenta dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 465 da parti tal-ewwel Qorti. L-ilment tiegħu jikkonċerna l-kwistjoni dwar l-interkjużura *o meno* tal-għalqa tiegħu. Isostni li l-għalqa tiegħu hija fil-fatt interkjuża u li għalhekk abbażi tal-Artikolu 469(2) r-raba' tal-atturi tiġi soġġetta għad-dritt ta' passaġġ favur tiegħu, bil-kundizzjoni li ssir l-inqas ħsara possibbli lill-art tal-atturi. Issa apparti li l-Artikolu 469(2) ma jipprovdix hekk, iżda jipprovdi *invece* kif ċitat fil-paragrafu preċedenti, din il-Qorti fiċ-ċirkostanzi qajla tara r-rilevanza tal-interkjużura *o meno* tar-raba' tal-konvenut.

16. Dan qed jingħad għaliex biex ikun applikabbli l-Artikolu 469(2) irid

jirriżulta li l-konvenut mhux biss għandu għalqa nterkjuża, iżda li adirittura kienet interkjuża għal tletin sena u li għal dawk it-tletin sena l-art li kien jgħaddi minn fuqha biex jaċċedi għall-art li għandu imqabbla għandu kienet tappartjeni lil sid differenti minn dak li jqabbillu l-art tiegħu.

17. Wieħed irid japprezza li l-art in kwistjoni (tal-atturi) hija parti minn art akbar li oriġinarjament kienet imqabbla mill-Knisja lil missier il-konvenut u li wara li miet eventwalment inqasmet bejn il-konvenut u ħutu. Għalhekk meta fl-1987 oħt il-konvenut ċediet il-qbiela tal-porzjon art li kellha lill-atturi, il-kumplament tal-art - inkluż il-parti li kien jaħdem il-konvenut - kienet għadha tal-istess sid, ċioe` tal-Knisja. Kien biss fl-1990 li s-sid ta' dak il-porzjon art inbidel, wara li l-atturi xtrawh mingħand il-Knisja. (Eventwalment il-kumplament tal-art ġiet tal-Uffiċċju Konġunt, fil-fatt il-konvenut xehed li jħallas il-qbiela tal-art tiegħu lill-Uffiċċju Konġunt).

18. Għalhekk kwalsiasi użu li seta' għamel il-konvenut minn fuq l-art illum tal-atturi għas-snin kollha li kienet għadha art tal-Knisja ma jistax jitqies għall-finijiet tal-Artikolu 469(2). L-Artikolu 469(2) jirrigwarda l-ksib ta' servitu` ta' passaġġ favur fond interkjuż bit-trapass ta' tletin sena, u meta dan iseħħ, il-fond interkjuż jiġi l-fond dominanti u l-fond li minn fuqu ġie kkreat is-servitu` ikun il-fond serventi. Bl-akkwist ta' servitu` ta' mogħdija bil-preskrizzjoni taħt l-Artikolu 469(2) tkun ġiet aggravata l-proprjeta` ta' ħaddieħor, għalhekk huwa loġiku li l-fond serventi jrid ikun

ta' ħaddieħor għaż-żmien kollu ta' tletin sena li fih kien qed isir użu minnu mis-sid tal-fond dominanti (jew mill-inkwilini f'ismu).

19. Issa ladarba kien fl-1990 li l-atturi saru sidien tal-art, ċertament li meta intavolaw din l-azzjoni fl-2012 ma kinux għadhom għaddew tletin sena, u għalhekk kull konsiderazzjoni oħra għall-finijiet tal-Artikolu 469(2) (inkluż dwar l-interkjużura *o meno* tar-raba' li jaħdem il-konvenut) hija rrilevanti. Għalhekk (anke jekk abbażi ta' kunsiderazzjoni differenti) din il-Qorti tasal għall-istess konklużjoni li waslet għaliha l-ewwel Qorti, fis-sens li l-art imqabbla lill-konvenut ma akkwistat l-ebda jedd ta' servitu` fuq l-art proprjeta` tal-atturi bl-applikazzjoni tal-Artikolu 469(2) tal-Kap 16.

**DECIDE**

20. Għal dawn il-motivi din il-Qorti qiegħda tiċħad l-appell ta' Barrington Camilleri bħala eredi tal-konvenut Giuseppi Spiteri u tikkonferma għal kollox is-sentenża tal-ewwel Qorti.

21. L-ispejjeż taż-żewġ istanzi għandhom jitħallsu mill-istess Barrington Camilleri.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Joseph R. Micallef<br>Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da